

Domandi preliminari

- 1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tad-Direttiva tad-19 ta' Ottubru 2009 ⁽¹⁾ għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li l-qligħ kapitali magħmul mit-trasferiment tat-titoli rċevuti bi skambju u l-qligħ kapitali differit jiġu ntaxxati skont regoli ta' bażi taxxabbli u ta' rati differenti?
- 2) Dawn l-istess dispożizzjonijiet għandhom, b'mod partikolari, jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu sitwazzjoni fejn it-naqqis tal-bażi taxxabbli intiż sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-perijodu li matulu nżammu t-titoli ma japplikax għall-qligħ kapitali differit, fid-dawl tal-fatt li din ir-regola ta' bażi taxxabbli ma kinitx tapplika fid-data li fiha sar il-qligħ kapitali, iżda japplika għall-qligħ kapitali magħmul mit-trasferiment tat-titoli rċevuti bi skambju, b'teħid inkunsiderazzjoni tad-data tal-iskambju u mhux tad-data li fiha t-titoli mogħtija bi skambju ġew akkwistati?

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 2009/133/KE tad-19 ta' Ottubru 2009 dwar is-sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għal mergers, diviżjonijiet, diviżjonijiet parzjali, trasferimenti ta' assi u skambji ta' ishma li jikkonċernaw kumpanniji ta' Stati Membri differenti u għat-trasferiment tal-uffiċċju reġistrat ta' SE jew SCE bejn Stati Membri (ĠU L 310, p. 34).

Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-cour d'appel de Paris (Franza) fit-30 ta' Ottubru 2018 – Santen SAS vs Directeur général de l'Institut national de la propriété industrielle

(Kawża C-673/18)

(2019/C 25/30)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour d'appel de Paris

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Santen SAS

Konvenut: Directeur général de l'Institut national de la propriété industrielle

Domandi preliminari

- 1) Il-kunċett ta' *applikazzjoni differenti* fis-sens tas-sentenza NEURIM tad-19 ta' Lulju 2012 QĠUE, C-130/11, għandu jinftehem b'mod strett, jiġifieri:

— ikun limitat għall-każ biss ta' applikazzjoni tal-bniedem li ssegwi applikazzjoni veterinarja,

— jew jikkonċerna indikazzjoni li taqa' f'kamp terapewtiku ġdid, fis-sens ta' prodott mediku speċjali ġdid, meta mqabbla mal-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq; jew prodott mediċinali li fih l-ingredjent attiv għandu azzjoni differenti minn dak li għandu l-prodott mediċinali li kien is-suġġett tal-ewwel awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq;

— jew, b'mod iktar ġenerali, fid-dawl tal-għanijiet tar-Regolament (KE) Nru 469/2009 ⁽¹⁾ intiż li jstabbilixxu sistema bbilanċjata li tieħu inkunsiderazzjoni l-interessi kollha involuti, inklużi dawk tas-saħħa pubblika, għandu jiġi evalwat skont kriterji iktar eżiġenti minn dawk li li jintużaw għall-evalwazzjoni tal-possibbiltà sabiex tingħata l-privattiva tal-invenzjoni;

jew għandu għall-kuntrarju jinftehem b'mod estensiv, jiġifieri mhux biss li jinkludi indikazzjonijiet terapewtiċi u mard differenti, iżda wkoll formulazzjonijiet, dożaġġi u/jew modi ta' amministrazzjoni differenti?

- 2) Il-kunċett ta' *applikazzjoni li taqa' fil-kamp ta' protezzjoni mogħtija mill-privattiva bażika* fis-sens tas-sentenza NEURIM tad-19 ta' Lulju 2012 QĠUE, C-130/11, jimplika li l-portata tal-privattiva bażika għandu jaqbel ma' dik tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq invokata u, konsegwentement, tkun limitata għall-użu mediku ġdid li jikkorrispondi mal-indikazzjoni terapewtika tal-imsemmija awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq?

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 469/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar iċ-ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari għal prodotti mediċinali (ĠU L 152, p. 1).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-First-tier Tribunal (Tax Chamber) (ir-Renju Unit) fil-5 ta' Novembru 2018 – Amoena Ltd v Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs

(Kawża C-677/18)

(2019/C 25/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

First-tier Tribunal (Tax Chamber)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Amoena Ltd

Konvenuta: Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs

Domandi preliminari

- 1) Il-KKD ⁽¹⁾ u/jew il-Kummissjoni Ewropea wettqu żball manifest meta kklassifikaw ir-riċipettijiet għal wara mastektomija:
- (a) taħt il-Kapitolu 62 tan-Nomenklatura Magħquda ⁽²⁾ tal-Unjoni Ewropea taħt l-intestatura tariffarja 6212, li speċifikament tinkludi "Riċipettijiet" u l-Kodiċi NM 6212 10 90;
- minflok
- (b) il-Kapitolu 90 taħt l-intestatura tariffarja 9021 u l-Kodiċi NM 9021 10 10 bħala aċċessorji għal partijiet artifiċjali tal-ġisem skont it-tifsira tan-Nota 2(b) tal-Kapitolu 90 tan-NM?
- 2) Ir-RIK ⁽³⁾ jirrestrinġi illegalment il-portata tal-klassifikazzjoni għal aċċessorji għal partijiet artifiċjali tal-ġisem taħt l-intestatura tariffarja 9021 u n-Nota 2(b) tal-Kapitolu 90 tan-NM, u għalhekk il-Kummissjoni Ewropea marret lil hinn mis-setgħat tagħha meta adottat dan ir-regolament?
- 3) Ir-RIK jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea fiċ-ċirkustanzi fejn:
- (a) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tosserva d-deċiżjonijiet tal-qrati nazzjonali, iżda għandha wkoll tippromwovi l-applikazzjoni uniformi (u korretta) tal-Kodiċi Doganali u tan-NM;
- (b) Il-Qorti Suprema tar-Renju Unit waslet għall-konklużjoni unanima li riċipettijiet għal wara mastektomija għandhom jiġu kklassifikati korrettament taħt il-Kapitolu 90 tan-NM bl-intestatura tariffarja 9021; u